Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 97/2018/1

**Bank of Valletta plc (appellant)**

**Vs**

**Dr Benjamin Valenzia li b'digriet tat-30 ta' Jannar, 2018 inhatar bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-werrieta incerti tal-mejjet Damon Ray (appellat)**

11 ta' Frar, 2019.

1. Il-bank appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Novembru, 2018 dwar il-kap tal-ispejjez. Il-parti dispozittiva tas-sentenza taqra:

> *"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici u konsegwentement filwaqt li tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata Dok. B datata 19 ta' April 2014, partikolarment imma mhux esklussivament, billi sehhew bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' Damon Ray li pperikolaw jew affettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, intilef il-beneficcju tat-terminu u d-debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbatax-il elf, hames mija u tlettax-il Euro u sitta u erbghin centemzu (€14,513.46) bilanc dovut fuq Credit Card Account, flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta' Marzu 2018 sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *In kwantu ghall-kap tal-ispejjez, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha salv ghad-dritt dovut lill-Kuratur Deputat liema dritt ghandu jithallas mis-socjeta` attrici".*

2. L-aggravji tal-bank huma:

    i. Il-bank ma kellu qatt ikun kundannat ihallas l-ispejjez tieghu ghaliex inghata ragun.
    ii. L-ispejjez tal-kuratur ghandu provizorjament jaghmel tajjeb ghalihom hu.

3. Permezz ta' twegiba l-appellat iddikjara li joqghod ghad-decizjoni tal-qorti.

4. Minn qari tas-sentenza hu evidenti li l-bank inghata ragun fil-meritu u hareg rebbieh fil-kawza. Skont l-artikolu 223(1) tal-Kap. 12, kull sentenza ghandha tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez. Hu biss fil-kazijiet li jissemmew f'subinciz (2) li qorti tista' tordna li kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha. Cirkostanzi li m'ghandniex fil-kaz in ezami, gialadarba l-bank ma kienx tellief f'punt tal-kawza u ma gie deciz l-ebda punt difficli. Il-qorti lanqas ma tista' ssib xi raguni valida li setghet twassal lill-ewwel qorti biex tiddeciedi li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

5. Fir-rigward tal-ispejjez tal-kuratur, hawn ukoll l-appellant ghandu ragun. Id-dritt tal-kuratur hu parti mill-ispejjez tal-kawza. Ghaldaqstant, ghandu jaghmel tajjeb ghalihom it-tellief. Mir-rikors tal-appell hu evidenti li provizorjament il-bank dispost ihallas id-dritt tal-kuratur, bi dritt li jirkuprahom mill-wirt tad-decujus.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta tas-7 ta' Novembru, 2018 billi tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas l-ispejjez relattivi, b'dan li d-dritt tal-kuratur ghandu provizorjament jithallas mill-bank li jkun jista' jirkuprah mill-eredita' ta' Damon Ray**.

**Spejjez tal-appell a karigu tal-istess konvenut nomine, b'dan li d-dritt tal-kuratur jithallas provizorjament mill-bank li jkun jista' jirkupra l-hlas lura mill-eredita' ta' Damon Ray.**

Anthony Ellul.